MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1166/2010

Vodafone Malta Limited (C 10865).

Vs

Natalino Brincat (Id. 322687M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, mija, tmienja u hamsin ewro u zewg centezmi (€1,158.02) minghand il-konvenut, rapprezentanti ammont dovut bhala hlas ta' prodotti u servizzi pprovduti lill-konvenut, li minkejja li gie interpellat sabiex ihallas, baqa inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data ta' l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2010 fejn deher il-konvenut u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, in vista ta’ l-ammissjoni tal-konvenut, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut ihallasha s-somma ta’ elf, mija, tmienja u hamsin ewro u zewg centezmi (€1,158.02), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------